MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2012

Numru 55/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Joseph Bugeja**
**-omissis-**
**Lawrence Bugeja**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Bugeja, bin John u Nicolina nee` Grima, imwieled fit-8 ta' Jannar 1963 u residenti fil-fond Joemar, Triq il-Merkanti, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 80884(G), Peter Bugeja, bin John u Nicolina nee` Grima, imwieled fil-31 ta' Awwissu 1972 u residenti fil-fond Sweet Dreams, Triq il-Merkanti, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 22772(G) u Lawrence Bugeja, bin John u Nicolina

nee` Grima, imwieled fis-6 ta' Novembru 1965 u residenti fil-fond Paradise, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 55584(M) fejn gew akkuzati talli:

Fil-kwalita` taghhom ta' *partners* (shab) u/jew rapprezentati guridici tas-socjeta` *en nom collectif*, Bugeja Fishmarket (P-1199), b'indirizz registrat Bugeja Fishmarket, Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex, u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta` *en nom collectif*, sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi dovuti, naqsu jhallsu *vacation leave, bonus, overtime u weekly allowance* fl-ammont ta' erbat elef, mija u sitta u hamsin Euro u tmienja u erbghin (€4156.48) dovuti lil ex impjegat tas-socjeta` hawn fuq imsemmija, u cioe` lil Giovann Buttigieg fit-30 ta' Gunju 2009 meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputati jhallsu l-penali skont il-ligi, u kif ukoll tordna lill-imputat, *ai termini* tal-Atikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jhallas lill-persuna hawn fuq imsemmija l-ammont ta' erbat elef, mija u sitta u hamsin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€4156.48) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-17 ta' Jannar, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li lliberat lill-imputat Peter Bugeja mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, wara li rat Artikoli 5, 15 u 45 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati Joseph Bugeja u Lawrence Bugeja hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkundannathom multa ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull wiehed u ordnat li sa zmien xahar mid-data tas-sentenza l-imputati Joseph Bugeja u Lawrence Bugeja jhallsu lil Giovann Buttigieg is-somma ta' erbat elef, mija u sitta u hamsin Euro u tmienja u erbghin centezmu(€4156.48).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imputati Joseph u Lawrence Bugeja minnhom prezentat fl-1 ta' Frar 2012 fejn talbu lill-Qorti tvarja s-sentenza appellata u filwaqt li tiddikjara illi t-tlett imputati Joseph, Lawrence u Peter ahwa Bugjea

kienu responsabbli b'mod ugwali ghall-gestjoni tad-ditta, tiddikjara illi l-ex-impjegat Giovann Buttigieg thallas in toto d-drittijiet kollha tieghu inkluz vacation leave, bonus, overtime u weekly allowance naxxenti mill-impieg mas-socjeta Bugeja Fishmarket, (1) tikkonferma s-sentenza in kwantu lliberat lil Peter Bugeja u (2) tllibera lill-appellanti minn kull htija u piena u dan ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors tal-appell taghhom.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet il-provi mill-gdid.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Giovann Buttigieg kien impjegat bhala deliveryman u selesman mad-dtta *en nom collectif* Bugeja Fishmarket ta' Mgarr Road, Ghajnsielem Ghawdex. Huwa gie impjegat fil-5 ta' Mejju 2003 u baqa' hekk impjegat sal-30 ta' Gunju 2009. Il-ftehim kien li Buttigieg kellu jithallas zewg liri (Lm2) is-siegha. Tul iz-zmien kollu li Buttigieg kien impjegat ma' Bugeja Fishmarket l-istess Buttigieg jallega li qatt ma thallas ta' *vacation leave*, bonus, *overtime* jew *weekly allowance*. Is-socjeta' Bugeja Fishmarket fiz-zmien relevanti kienet tikkonsist fi tlett socji u cioe' l-appellanti u Peter Bugjea, ahwa.

**7.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(a) l-imputazzjoni ma setghetx tregi ghaliex Giovann Buttigieg irrizenja u mhux tkecca mill-impieg;

(b) mhux minnu li d-ditta Bugeja Fishmarket naqset milli thallas lil Giovann Buttigieg dak kollu dovut lilu tant li Buttigieg ghamel sitt snin impjegat mad-ditta minghajr qatt ma lmenta.

(c) ix-xhieda fl-ewwel istanza nstemghu minn Magistrati differenti u ghalhekk il-Magistrat li kien jippresjedi l-ewwel

Qorti meta nghatat is-sentenza appellata ma kienx f'pozizzjoni li japprezza x-xhieda li nghatat meta saru stqarrijiet inveritieri u inkonsistenti partikolarment minn Giovann Buttigieg, Fabien Tagliaferro u Peter Bugeja;

(d) l-ewwel Qorti ma setghet qatt tillibera lill-Peter Bugeja stante li dan kien attiv b'mod ugwali daqs hutu u b'hekk gew pregudikati l-appellanti li qeghdin isofru l-piz kollu tal-piena bejniethom.

**Ikkunsidrat:**

**8.** Il-Qorti ma hix ser tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti fl-istess ordni li gew sollevati fir-rikors tal-appell taghhom izda ser issegwi ordni li jidhrilha hi guridikament aktar logika sabiex tasal ghas-sentenza taghha.

**9.** Il-Qorti tistqarr li hi piuttost perplessa b'dan l-appell peress li fih l-appellanti l-aktar li jiffokaw hu fuq **<u>ir-raba' aggravju</u>** taghhom u cioe' fuq il-fatt li huhom gie liberat mentri huma nstabu hatja. Izda tenut kont tal-fatt li ma sarx appell mill-Avukat Generali mill-liberazzjoni ta' Peter Bugeja is-sentenza fil-konfront tieghu saret wahda finali u din il-Qorti ma tistax tirrevediha u trid timxi fuq il-premessa li Peter Bugeja nstab mhux responsabbli ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Dan ir-raba aggravju qieghed ghalhekk jigi respint.,

**10.** In kwantu ghat-**<u>tielet aggravju</u>**, anki jekk dan seta' kellu xi fondament fl-ewwel istanza, illum ma jistax jigi milqugh ghaliex il-provi kollha, inkluzi dawk puntwalizzati mill-appellanti, regghu instemghu mill-gdid minn din il-Qorti kif preseduta u ghalhekk dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.

**11.** In kwantu ghall-**<u>ewwel aggravju</u>** l-appellanti donnhom qieghdin jifhmu l-imputazzjoni fis-sens li tallega li Giovann Buttigieg tkecca mill-impieg. Dan ma hux minnu, Di fatti fl-imputazzjoni jinghad fir-rigward ta' Giovann Buttigieg li "… l-impieg taghha gie terminat". L-impieg ta' persuna jista' jigi terminat kemm jekk l-impjegat jitkecca kif ukoll jekk l-

impjegat jirrizenja. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju, minn dan l-aspett, qieghed jigi respint, ghalkemm ser jerga jigi kunsiderat minn din il-Qorti meta tigi biex tikkunsidra t-tieni aggravju li essenjalment jirrigwarda l-apprezzament tal-provi.

**12.** Nigu issa ghat-**tieni aggravvju** li, kif inghad, jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. U wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti inkluzi d-depozizzjonijiet tax-xhieda prodotti quddiemha tistqarr li hi ghal kollox sodisfatta li giet pruvata l-htija tal-imputati. L-imputat jirritjeni li Giovann Buttigieg kien jithallas bir-rata ta’ €4.66 fis-siegha kollox inkluz u cioe’ inkluz il-hlas ghal *vacation leave, bonus, overtime u weekly allowance* ghaliex isostni li Buttigieg kien impjegat maghhom bil-minimum wage li kienet ta’ xi €3.45 sa €3.50 s-siegha u l-kumplament kien imur ghall-overtime u l-hlasijiet l-ohra. Mill-*pay slips* esibiti, izda, jirrizulta li Giovann Buttigieg kien kjarament qieghed jithallas bir-rata ta’ Lm 2.00 is-siegha. Minkejja li ma hux cjar kif kienu qieghdin jigu kalkulati l-*accumulated hours worked* li mhux dejjem jikkorispondu mat-total tal-*hours worked* indikati fil-*pay slips*, il-fatt jibqa’ li mill-istess *pay slips* jirrizulta li r-rata ta’ hlas kienet biz –Lm2 is-siegha u din tidher li qed tirreferi biss ghal sieghat mahduma u xejn aktar  Ma hemm ebda indikazzjoni fuq l-istess *payslips* li din kienet rata li tinkludi l-hlasijiet kollha inkluzi rati ta’ *overtime, bonus, weekly allowances, leave*. Di fatti ma jirrizulta ebda rendikont dettaljat ta’ dawn mill-istess *payslips*. Fix-xiehda tieghu l-imputat Joseph Bugeja (ghaliex l-imputat l-iehor Lawrence Bugeja ghazel li ma jixhidx), fuq suggerimenti ripetuti tal-konsulent legali tieghu waqt l-ezami, diversi drabi ghamel riferenza ghall-accountant tad-ditta u kif dan kien gie avvicinat biex jirrispondu lid-Dipartiment tax-Xoghol biex jispjegaw kif kienu hallsu kollox lill-impjegat taghhom. Sa spicca d-depozizzjoni tieghu b’sensiela ta’ risposti fuq domandi diretti tal-konsulent legali tieghu, li dwarhom gie eventwalment anki ammonit mill-Qorti, biex jipprova jispjega kif l-accountant taghhom jaghmlu l-kalkoli ta’ x’kien dovut lill-impjegat sakemm fl-ahhar anki semma li s-sieghat kien jahdimhom l-iskrivan tad-ditta. B’danakollu la l-accountant ma gie prodott biex jixhed u anqas l-iskrivan.

Naturalment l-imputat ma hu obbligat jipproduci ebda prova izda jekk jonqos milli jaghmel dan ikun qed jirriskja li jhalli l-provi tal-prosekuzzjoni jipprevalu u jikkonvincu lill-Qorti. Dak allegat mill-imputat dwar kif inhadmu r-rati mill-accountant tieghu u dak allegat minnu dwar kif kienu jinhadmu s-sieghat mill-iskrivan tad-ditta ma jiswa xejn fin-nuqqas tal-produzzjoni tal-accountant u tal-iskrivan li biss setghu ikunu l-prova diretta ta' dak allegat.

**13.** Minn naha tieghu ir-rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xoghol ikkonferma li mill-*payslips* li gew prodotti kien jirrizulta car li l-impjegat Buttigieg kien qieghed jithallas b'rata ta' Lm2 jew €4.66 fis-siegha u li skont l-istess *payslips* din kienet ir-rata normali ghal siegha xoghol mahduma u ma kienetx tinkludi l-hlas addizzjonali dovut ghal *overtime* u inqas u inqas hlas ta' *bonus, weekly allowances* u *leave*. In vista ta' dan huwa hadem l-ammont addizjonali li kien ghad kellu jiehu Giovann Buttigieg ghal *bonus, weekly allowances* u *leave* u kkonferma li l-ammont li kien ghadu dovut kien jammonta ghal €4156.48.

**14.** Giovann Buttigieg ukoll ikkonferma li r-rata mifthema kienet ta' Lm2 is-siegha u li l-beneficcji "jigu suppost wahidhom la jkollok ktieb tax-xoghol", kif kellu hu. Ghalhekk, skont Buttigieg ir-rata mifthema kienet biss ir-rata ghal siegha xoghol normali u ma kienet tinkludi xejn izjed.

**15.** Ghalkemm mhux determinanti x-xhieda tieghu izda certament hi tal-anqas indikattiva, Fabian Tagliaferro li ghamel zmien impjegat mal-imputati fl-istess zmien li kien impjegat Giovann Buttigieg xehed li huwa kien jithallas ghal xogholu rata ta' Lm1.75 is-siegha eskluz hlas ta' overtime. Kien jithallas ta' kemm jahdem u jekk jahdem *overtime* kien jithallas bl-istess rata. Xehed ukoll li la kellu *vacation leave* u anqas *sick leave*. Spicca mill-impieg mal-imputati ghaliex keccewh izda jghid li ma tawhx raguni ghaliex. Jghid ukoll li dak iz-zmien kienet ukoll tkecciet mill-impieg Janie Bugeja. Jghid li safejn jaf hu Giovann Buttigieg kien hu li telaq mill-impieg.

**16.** Fil-kors tas-smigh tax-xhieda u fil-kors tat-trattazzjoni tad-difiza sar emfasi fuq il-fatt li Giovann Buttigieg ghamel madwar sitt snin impjegat mal-imputati u qatt ma lmenta dwar li ma kienx qieghed jircievi dak kollu dovut lilu u dan jidher li sar sabiex tigi mminata l-kredibilita' tax-xhud Buttigieg. Din il-Qorti, izda, hi ftit li xejn impressjonata b'din is-sottomissjoni. Sfortunatament huma ftit dawk l-impjegati li lesti li jirriskjaw l-impieg taghhom billi jinsistu li min jimpjeghom jaghtihom id-drittijiet taghhom. Ma jirrizultax li Buttigieg kien membru ta' xi Union li setghet taqbez ghad-drittijiet tieghu. Huwa spjega li huwa kien kuntent bix-xoghol li kien jaghmel fl-impieg u ghalhekk kien ipprefera jissaporti sakemm felah bit-tama li eventwalment jithallas ta' kollox.

**17.** F'tentattiv ulterjuri car sabiex tiskredita lix-xhud Giovann Buttigieg fil-kors tas-smigh tax-xhieda u fil-kors tat-trattazzjoni tad-difiza sar accenn ghall-fatt li Giovann Buttigieg ghazel li jitlaq l-impieg tieghu meta l-imputati ddecidew li jinstallaw *closed circuit television* fuq il-post tax-xoghol bhala sigurta' u dan donnu biex jaghtu x'jifhem li Buttigieg kien risponsabbli ta' xi ghemil doluz fil-kors tal-impieg tieghu u telaq l-impieg sabiex ma jigix skopert. Minn dan kollu, izda, ma hemm xejn u dak li gie prezentat in sostenn hu biss spekulazzjoni u kongetturi. Il-fatt jibqa' li, jekk fil-kors tal-impieg tieghu Buttigieg ma kienx rcieva dawk il-beneficcji previsti mill-ligi allura huwa ghandu jithallas taghhom.

**18.** In konkluzjoni il-Qorti hi sodisfatta li fil-kors tal-impieg tieghu Giovann Buttigieg ma thallasx *vacation leave, bonus, overtime u weekly allowance* fl-ammont totali ta' erbat elef, mija u sitta u hamsin Euro u tmienja u erbghin (€4156.48) u ghalhekk dan it-tieni aggravju tal-appellanti qieghed ukoll jigi respint u konsegwentement ser tigi konfermata *in toto* is-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi l-appell tal-imputati Joseph Bugeja u Lawrence Bugeja qieghed jigi respint u qed tigi konfermata *in toto* is-sentenza appellata b'dan li z-zmien ta' xahar moghti fis-sentenza appellata lill-appellanti

sabiex ihallsu s-somma ta’ € 4156.48 lil Giovann Buttigieg jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------